***ASSOĊJAZZJONI SPORT MUTURI u KAROZZI***

P.O. Box No.72, CMR Marsa MTP 1001.

MALTA

Imwaqqfa 14 t'April 1985

www.asmk.org.mt

# *STATUT*

Kif emendat fl-AGM,

Tal- 30 ta' Settembru 2022

***ASSOĊJAZZJONI SPORT MUTURI u KAROZZI***

# STATUT

Emendat fl-AGM, 30 t' Awwissu 2019.

## 1. ISEM

1.1 L-isem tal-Asoċjazzjoni għandu jkun ASSOĊJAZZJONI SPORT MUTURI U KAROZZI. Għal l-iskopijiet ta' dan l-istatut tissejjaħ l-ASMKK jew l-Assoċjazzjoni.

1.1.1 F'kaz li jkun hemm bzonn li tintuza il-lingwa ingliza, l-isem tal-Assocjazzjoni ghandu jkun:- Cars & Motorcycles Sport Association ma l-isem u mhux minflok:- "ASSOCJAZZJONI SPORT MUTURI U KAROZZI".

1.1.2 ASMKK jibqaw jintuza bhal l-erba ittri inzjali tal-isem Assocjazzjoni Sport Muturi u Karozzi anke jekk ikun qed jintuza l-isem bl-ingliz l-ittri kif tissejah l-Assocjazzoni jibqa ASMK.

1.1.3 Il-Logo Ufficjali tal-Assocjazzjoni ser ikun

Kull fejn hemm il-kliem u logo bl-isem Assocjazzjoni Sport Muturi u bl-ittri fil-qosor ASMK ghandhom jinbidlu awtomatikament kemm fl-istatut kif ukoll f'kwalunkwe dokumenti ufficjali tal-Assocjazzjoni. Il-Logo l-antik ghandu jibqa jidher fl-istatut bhal parti mill-istorja.

1.2 Il-Lingwa ufficjali tal-ASMK ghandha tkun il-Malti u l-Ingliz.

## 2. GĦANIJIET

2.1 Li torganiżża attivitajiet sportivi għall-vetturi bil-mutur, liema attivitajiet jistgħu jkunu ta' kull forma.

2.2 Li toffri servizzi ta' pariri lill-membri tagħha, jew li kull min jitlob li jingħata parir skond dak li jkun qed jiġi organiżżat mis-sezzjoni tagħha.

2.3 Li torganiżża attivitajiet soċjali, edukattivi jew kull xorta t'attivita oħra għall-membri tagħha bil-għan li l-ASMK u l-membri tagħha jikbru u javvanzaw 'l quddiem.

2.4 Li tgħin b'kull mod fl-iżvilupp tal-edukazzjoni ta' kulħadd dwar ħwejjeg li għandhom x'jaqsmu mas-sewqan u ż-żamma ta' muturi u karozzi. Tagħmel u tieħu sehem f'wirjiet intiżi biex tikber l-edukazzjoni u l-għarfien ta' dawn il-ħwejjeġ.

2.5 Li tissieħeb f'għaqdiet Nazzjonali u Internazzjonali fis-setturi differenti ta l-attivitajiet tagħha.

2.6 Li torganiżża kampjonati Nazzjonali tas-sezzjonijiet kollha li jagħmlu parti mill-Assoċjazzjoni. Dawn il-kampjonati jkunu iggvernati minn regolamenti maħruga mill-istess Assċojazzjoni minn żmien għal żmien.

2.7 Jekk l-ASMK tigi likidata, il-beni tal-ASMK jinbieghu u l-flus li jingabru jinghatawlill Community Chest Fund jew xi Stitut tal-Karita. Dan isir wara li jkun thallas xi dejn li l-ASMK jista' jkollhha.

2.8 Din l-ghaqda hija ghaqda li ma taghmilx profit, volontarja u Independenti mill-Istat. L-Assocjazzjoni hija stabbilitia ghal skop sportiv
u socjali.

## 3. SĦUBIJA

3.1 ASMK hija miftuħa għal kull min huwa interessat fl-isports tal-vetturi bil-mutur, muturi u karozzi kif ipprattikati mis-sezzjonijiet tagħha u / jew jixtieq jgħin fl-oqsma diversi ta' l-attivitajiet tagħha.

3.2 Kull persuna ta' erba (4) snin jew aktar tista' taghmel applikazzjoni biex tissieheb mal-Assocjazzjoni u jekk din tigi accettata issir membru ta' l-Assocjazzjoni.

3.2.1 Kull persuna Membru li hija taht it-tmintax (18) il-sena irid ikollha wiehed mill-genituri membru mal-Assocjazzjoni.

3.2.2 Kull persuna taht it-tmintax il-sena (18) irid jimla l-'Indemnity Form' moghtija lilu mill-Ufficjali tal-ASMK.

Ma din il-formola irid ukoll jigu pprezentati:-

a) kopja tal-Karta tal-Identita (miz-zewg faccati) taz-zewg Genituri jew Guardians Legali kif ukoll kopja tal-Karta tal-Identita (miz-zewg faccati) tal-persuna li tapplika u li ghadha taht l-eta ta' 18 il-sena.

b) F'Kaz li l-persuna taht l-eta mandiex karta tal-Identita, din trid iggib certifikat tat-twelid tal-Gvern (Insinwa).

c) F'Kaz li jkun hemm Genitur jew Guardian Legali wiehed jirrapprezenta lil Rider jew lis-Sewwieq ma l-applikazzjoni irrid jipprezenta kopja tal-Kustodja biex din tkun accettata.

3.3 Sħubija fl-Assoċjazzjoni hi miftuħa wkoll għal Klabbs u Assoċjazzjonijiet b'interess fl-attivitajiet organiżżati mill-ASMK, li japplikaw, u jekk jiġu approvati mill-Kumitat Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni, jiġu affiljati ma' l-Assoċjazzjoni.

3.3.1 Affiljazzjoni ta' Club/s, Asssocjazjoni, Federazjoni, Fondazzjoni, ecc (riferenza ghal dawn it-titoli sa tkun il-kelma 'Clubs' f'din l-emenda)

(a) Clubs jistaw jigu affiljati mal-ASMK izda jridu jgibu voti mhux inqas minn'zewg terzi' tal-membri fil-Laqgha tal-Kumitat Esekuttiv biex jigu Affiljati. Jista jintalab vot mil-membri tal ASMK dwar is-shubija ta' xi club/s.

(b) Jekk xi Club/s jigu affiljat mal-ASMK, jista' jkollhom rapprezentanza fil-Kumitat Ezekuttiv bhala 'Observers' izda:- it-tmexxija assoluta tal-ASMK tibqa fir-responsabbilita tal-Esekuttiv tal-ASMK biss.

(c) Clubs affiljati mal-ASMK ma jistghux jivvotaw ghall Ufficjali tal-ASMK f'kull AGM u/jew EGM

3.4.1 Persuna li tixtieq issir membru ma l-ASMK trid tapplika bil-miktub permezz tal-Formola ta' 'Applikazzjoni / Affiljazzjoni' flimkien mal-misata kif stabbilita minn zmien ghal zmien mill-Assocjazzjoni.

3.4.2 Sa fejn huwa possibbli l-Applikant ghandhu jindika f'liema sezzjoni jixtieq isir membru.

3.4.3 F'kull AGM jew EGM, Votazzjoni Generali, Votazzjoni ghall Emenda/i ta' li Statut jew ta' xi hatra ta' Ufficjal/i tal-Esekuttiv tal-ASMK. kull membru jkollu vot wiehed biss hlief dawk l-Ufficjali li ghandhom il-Casting Vote kif miktuba f'dan li Statut.

3.4.4 Ma kull Applikazzjoni ghal Affiljazzjoni isir il-hlas tal-misata kif stipulata mill-ASMK. Din il- misata tigi ritornata lura f'kas li applikazzjoni ghal Affiljazzjoni tigi rifjutata.

3.4.5 Il-Mizata tal-hlas kif stipulata mill-ASMK ihallas 50% kif jghaddi zewg terz tal-Kampjonat Nazzjonali.

3.5 Membru ġdid irid japplika għal affiljazzjoni ma l-Assoċjazzjoni permezz ta' xi membru ieħor. Dan ta' l-aħħar, ikun responsabbli għall membru l-ġdid għal perijodu ta' mhux aktar minn (3) tlett xhur minn meta dan jiġi affiljat. Il-membru l-ġdid ikun taħt probation għal perijodu ta' (3) tlett xhur.

3.6 Jekk applikazzjoni għal sħubija jew affiljazzjoni tiġi rifjutata, l-applikant ma jkunx jista' jerġa' japplika qabel ma tgħaddi sena. Kull applikazzjoni għal sħubija tingħata risposta sa mhux aktar minn xahar mid-data ta' l-applikazzjoni stess.

3.7 F'każ li l-Kumitat Eżekuttiv ta' l-ASMK jagħti risposta negattiva dwar applikazzjoni għal sħubija, tista' tingħata raġuni għal-rifjut iżda dan fid-diskrezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv ta' l-ASMK.

3.8 Jekk ma jkunx hemm qbil dwar l-aċċettazzjoni ta' applikazzjoni għal sħubija fl-ASMK, il- kwistjoni titpoġġa ghad-diskussjoni u wara ghal vot skond Artiklu 4.21. Applikazzjoni tiġi approvata b'maġġoranza sempliċi tal-membri preżenti fil-laqgħa.

3.9 Il-membri, indvidwali u/jew Klabbs/Assoċjazzjonijiet jintrabbtu li jaċċettaw ir-regolamenti kif imniżżla f'dan l-istatut u oħrajn li minn żmien għal żmien jistgħu jiġu deċiżi mill-Assoċjazzjoni.

3.10 F'Każ ta' riżenja ta' xi membru, indivdwu, Klabb jew Assoċjazzjoni, din trid issir bil-miktub, u min jirreżenja jibqa' rersponsabbli għal-ħlasijiet dovuti lill ASMK sal ġurnata li fiha r-riżenja tiġi aċċettata mill-Kumitat Eżekuttiv.

3.11 Minn ma jħallasx is-sħubija tiegħu għal aktar minn sena jitqies li ma għadux membru ta' l-ASMK u għaldaqstant ma jkunx jista' jieħu sehem fl-ebda attivita' ta' l-Assoċjazzjoni. F'każ li jkun hemm applikazzjoni għal sħubija mill-ġdid ta' l-istess membru, dan jista' jiġi aċċettat bħala membru wara li jkun ħallas dak dovut lill-ASMK skond kif jiddecidi il-Kumitat Ezekuttiv.

3.12 Kull applikazzjoni biex tkun membru jew sewwieq, din trid tintela min xi membru tal-Kumitat Ezekuttiv u tas-Sezzjonijiet+

3.13 Kull applikazzjoni trid tintela fil-premsis tal-ASMK, (bhal ASMK Race Tracks Ta'Qali u/jew meta ikun ser issir sigil fuq karozza jew Mutur f'post barra mill-premsis tal-ASMK. (Dan dejjem irid issir mill-persuni inkarigati mis-sigili.

3.14 Membru suspendut.

Membru li jigi suspendut min kull attivita, eskluz (Imkecci) likwidat mill-ASMK jew ma jkunx membri mhallas u approvat mill-ASMK jitlef id-drittijiet u l-vantaggi konnessi mal-kariga/membership ma' l-ASMK.
Dan ma' jkunx jista' jikkontesta l-ebda elezzjoni tal-ASMK, lanqas jista' jinnomina, jissekonda u/jew jivvota f'kull kas kemm tal-ASMK u/jew tas-Sezzjoni.

3.15 Kull applikant ghal sewwieq li jimla il-formola Applikazzjoni/Affiljazzjoni irid ikollu mieghu I.D. Card u/jew Driving Licence. F'kaz ta Membru gdid irrid igib mieghu kopja tal-ID Card u Driving Licence. Jekk xi persuna ma tipprezentax id-dokumenti mitluba ma tkunx tista' timtela l-formola biex isir Membru-Sewwieq.

3.16 Kull min huwa reponsabbli ta' xi azzjoni fizika (Glieda fizika) / isawwat lill xi membru u/jew Ufficjal, jigi skwalifikat immedjatament bis-sahha ta' dan li Statut u dan sakemm johrog avviz iehor mill-Kumitat Ezekuttiv ta l-ASMK

Biex dan jerga jigi accettat membru mal-ASMK, irid ikollu mhux inqas minn zewg terzi (2/3) tal-voti favur tal-Kumitat Ezekuttiv.

3.17 Clubs ohra mhux membri tal-ASMK kif imsemmija fi klawsola Num 3.3.1.

a) Club/s li jixtieq/u jsiru membri mal-ASMK jista/w jaghmlu dan bil-miktub permezz tal-formola ta' 'Applikazzjoni / Affiljazzjoni' flimkien mal-menswalita' stabbilita minn zmien ghal zmien mill-Assocjazzjoni u

b) Ara l-Emenda l-Gdida immarkata 3,4,2 hawn taht.

3.18 Klabbs li japplikaw ghall shubija mal-ASMK, mal-Applikazzjoni ghall Affiljazzjoni jkunu jridu jinkludu wkoll:-

a) kopja awtentika ta’ l-iStatut taghhom,
b) L-Indirizz Postali tal-Club u/jew korsa/cirkwit
c) Dettalji tal-ismijiet tal-membri tal-Kumitat/i rispettivi.
d) Numru tal-Karta tal-Identita ta’ kull persuna tal-Kumitat Applikant,
e) L-Indirizz Postali tar-residenza tal-membri tal-Kumitat,
f) Indirizz elettroniku (Email) tal-Club u tal-membri tal-Kumitat.
g) In-numru tac-Cellulari (jekk ghandhom).
h) Kopja tal-Minuti ta’ l-ahhar AGM
i) Jiddikjaraw bil-miktub is-shubija tahhom ma Clubs ohra kemm lokali u/jew Ewropej, Nazzjonali / Internazzjonali
j) Jiddikjaraw ir-Registration Numbers mad-Dipartiment tal-VAT u ma tat-Taxxi Nterni
k) Ihallsu l-Misata kif mitluba mill-ASMK. Din tigi ritornata kemm il-darba l-Applikazzjoni ghal shubija tigi rifjutata.
l) Dawn id-dettalji huma mitluba ghall fini tal-Ufficcju u s-Segreterija tal-ASMK u jkunu protetti bil-Ligi tad-Data. (Data Protection Act)

3.19 Persuna membru ma iktar minn Sezzjoni wahda fl-ASMK ikollha vot wiehed biss f’kull AGM, EGM, Kumitat Esekuttiv, jew kwalunke votazzjoni generali. Irrid ikun il-Persuna Membru li jghazel fejn se jkun qed jivvota meta ikun qed japplika biex issir Membru.

3.20 Il-membership ta’ ‘membru gdid’ jew ‘tigdid’ tghodd mid-data li l-applikazzjoni tieghu tigi approvata mill-Kumitat Esekuttiv skont kif miktub f’dan li Statut Sezzjoni Num 3. Din trid titressaq ghall approvazzjoni fl-ewwel Kumitat Esekuttiv li jmiss wara li ssir l-Applikazzjoni / Affiljazzjoni.

3.21 Il-Presidenti u Segretarji ta kull sezzjoni jridu jizguraw li kull sewwieq u/jew rider minorenni (taht 18 il-sena) jrid ikollhom l-Indemnity Form mimlija u ffirmata kif mitlob mil-ASMK fl-Indemnity Form Ufficjali. Din trid tkun ipprezentata lis-Segretarju Generali tal-ASMK qabel xi kompetizzjoni jew tahrig u tkun valida sa qabel l-AGM li jmiss.

3.21.1 L-Indemnity Form tal-Minorenni kollha trid tiggedded f’kull Ewwel ta’ Ottubru ta’ kull sena sakemm il-minorenni jaghlaq it-18 il-sena.

3.21.2 Kull Ufficjal ta’ kull sezzjoni jrid jassigura li kull kompetitur minorenni ta’ taht 18 il-sena, jrid ikollu l-Indemnity Form tal-minorenni u li din tkun approvata mil-Esekuttiv tal-Ghaqda biex ikun jista jiehu sehem f’attivitajiet sportivi, ta’ tahrig, edukattivi jew kompetittivi.

3.21.3 Jekk il-genituri tal-minorenni jkunu jridu jissospendu lill minuri tahhom milli jkompli jipprattika fl-attivitajiet, tahrig, demostrazzjoni, kompetizzjoni, u/jew sewqan ta' kull xorta bil-Karozzi u Muturi, iridu jaghmlu l-oggezzjoni tahhom bil-miktub, iffirmata miz-zewg genituri u pprezentata lis-Segretarju Generali tal-ASMK.

3.21.4 Sewwieq minorenni (sa 18 il-sena) irid ihallas misata annwali ridotta u wkoll ihallas registrazzjoni ridotta ghall kull attivita tal-kampjonat u/jew kompetizzjoni. Wiehed mil-genituri jrid ukoll ihallas il-membership ta' Affiljazzjoni bhala membru tal-Ghaqda u/jew tas-sezzjoni partikolari ma dik tal-minorenni. Il-genitur tal-minorenni li jhallas il-mista annwali tal-membership kif miktub fli-Statut tal-ASMK ikollu dritt jivvota waqt l-AGM, EGM u tas-Sezzjoni partikolari.

3.21.5 Il-minorenni li jaghlaq 12 il-sena wara l-ewwel ta' Jannar u jkun hallas il-mizata annwali tal-membership ikollu dritt jivvota waqt l-AGM, EGM u tas-Sezzjoni partikolari skont li-Statut tal ASMK. Taht it-12 il-sena ma jkunx jista jivvota minkejja li jkun membru mhallas skont ir-regolamenti f'dan li Statut.

3.21.6 Il-minorenni li jaghlaq 16 il-sena u jkun hallas il-mizata annwali tal-membership jista jokkupa kariga fil-Kumitat tas-Sezzjonijiet u/jew il-Kumitat Ezekuttiv ikollu dritt jivvota dritt jivvota waqt laqgha tal-Kumitat tas-Sezzjonijiet u/jew Ezekuttiv.

3.22 Indemnity:- L-ASMK u l-Ufficjali ma hix responsabbli ghal xi korriment, serq u/jew hsara li jigru lill xi persuni jew lill propjeta ta' persuni prezenti waqt li dan/dawn ikun qieghed fil-premises tal-ASMK.

## 4. KUMITAT EŻEKUTTIV

4.1 L-ASMK tkun immexxija u amministrata mill-Ufficjali ASMK flimkien mal-Kumitat Ezekuttiv. Id-decizjonijiet kollha dwar amministrazzjoni, regolamenti u hwejjeg ohra li jittiehdu mis-sections kollha fi hdan l-ASMK jehtiegu l-approvazzjoni tal-Esekuttiv biex jidhlu fis-sehh u/jew jidhlu ghall effett u jigu esegwiti.

4.2.1 Il-Kumitat Ezekuttiv ikun kompost mil-President, Segretarju u Kaxxier, imsejha l-Ufficjali ta' l-Assocjazzjoni, li jigu eletti fil-Laqgha Generali Annwali (kull sentejn) u/jew EGM

4.2.2 Mhux izjed minn 4 (erba’) membri li jistgħu jiġu co-opted mill-Kumitat innifsu.

4.2.3 Co-Opted members fil-Kumitat Ezekuttiv u/jew Ufficjal ‘Ad Intermi’ tal-ASMK ma’ ghandhomx dritt ghall vot fil-Kumitat Ezekuttiv.

4.2.4 Il-Vici-President, Assistant Segretarju u Assistant Kaxxier tal-Ufficjali tal-ASMK li jigu eletti fil-Laqgha Generali Annwali (kull sentejn) u/jew EGM ikunu parti mill-Kumitat Esekuttiv u jkollom il-vot waqt il-Laqghat tal-Esekuttiv.

4.2.5 Jekk ikun hemm xi rizenja ta’ wieħed jew iktar min dawn l-Għaqda torganizza EGM biex teleġġi sostitut ta xi Uffiċjal.

4.3 L-Uffiċjali ta’ l-ASMK u l-Assistanti taghhom jiġu eletti għal sentejn b’vot sigriet mill-membri kollha tal-ASMK, waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali (AGM) wara li jkunu ġew nominati u sekondati minn żewġ membri tal-ASMK. Dawn jigu Eletti skond Artiklu 4.6.

4.3.1 L-Ufficjali ta’ l-ASMK jigu eletti ghal sentejn, izda l-AGM jibqa jsir kull sena fix-xaghar ta’ Awwissu.

F’kull AGM isiru wkoll:-

a. Emendi ghall li-Statut (jekk ikun hemm)
b. Rapporti Amministrattiv / tas-Sezzjonijiet
c. Rapport Finazjarju tal-ASMK *approvat mill-Awditur Legali*
d. Elezzjonijiet ghal Kumitati tas-sezzjonijiet tal-ASMK.
e. Referendums (jekk ikun hemm)

4.4 L-elezzjoni tar-rappreżentanti tas-sezzjonijiet tista’ ssir waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali ta’ l-Assoċjazzjoni, jew f’laqgha ohra organizzata ghal dan il-ghan. Dawn l-elezzjonijiet iridu jsiru fix-xaghar ta’ Awwissu, izda mhux aktar tard minn 10 t’ijiem mid-data tal-AGM jew EGM.

4.5 4.5 Biex membru jokkupa kariga ta’ :-

- Ufficjal ta’ l-ASMK, Vici-President, Assistent Segretarju u Assistent Kaxxier

Jrid ikun ilu membru ta’ l-ASMK ghal perjodu ta’ sena mid-data ta’ l-AGM li jmiss.

- **Biex jokkupa kariga ta’** Ufficjal fil-Kumitat ta’ xi Sezzjoni:-

Jrid ikun ilu membru ta’ l-ASMK ghal perjodu ta’sena mid-data ta’ l-AGM li jmiss.

4.5.1 F’kaz li ma jkunx hemm izjed minn persuna wahda li tikkontesta l-kariga ta’ Ufficjal tal-ASMK, il-persuna nominata titqies awtomatikament eletta.
Dan ma japplikax ghar-rapprezentant/i ta’ kull sezzjoni u karigi ohra fl-ASMK.

4.5.2 Biex membru tal-ASMK ikun jista’ jokkupa kariga f’xi-Sezzjoni u/jew Dixxiplina tal-ASMK jrid ikun ilu membru mhallas ghall mhux anqas minn sitt xhur qabel l-AGM li jmiss.

4.5.3 Biex Membru tal-ASMK ikun jista jokkupa kariga ta Uffical tal-ASMK jrid ikun ilu membru mhallas ghall mhux anqas min sena qabel l-AGM li jmiss.

4.5.4 Co-opted members mil-Esekuttiv u/jew fil-kumitati tas-sezzjonijiet iridu jkun ilhom membri mhallsa ghal mhux inqas min sitt (6) xhur.

4.5.5 Membru li huwa wahdu jkun ikkontesta elezzjoni ta’ xi kariga tas-Sezzjonijiet u ma giex elett ma’ jistax jigi Co-opted fil-Kumitat Esekuttiv tal-ASMK. Dan ma jghoddx jekk tkun saret elezzjoni ghall xi kariga b’iktar minn kontestant wiehed.

4.5.6 Nomini ghal Kariga tar-Rapprezentant tas-Sezzjoni,

(a) F’kaz li jkun hemm persuna wahda li tikkontesta l-kariga ta’ ‘Rapprezentant tas-Sezzjoni’, il-persuna nominata titqies eletta wara votazzjoni mill-membri tas-sezzjoni koncernata u.

(b) iggib il- 50% +1 tal-voti jew izjed.

(c) F’kaz li l-persuna nominata ma ggibx il-voti bizzejjed biex tkun eletta, il-Kumitat Ezekuttiv jerga jiftah in-nomini ghal din il-karigia mill-gdid.

4.6 Il-Hatra tal-Ufficjali tal-ASMK u Vicijiet u l-Assistenti taghhom jkunu eletti waqt Laqgha Generali Annwali u/jew EGM.

4.6.1 L-Ufficjali tal-ASMK, Vicijiet u l-Assistenti taghhom huma kif gej

1. President
2. Vici – President
3. Segretarju Generali
4. Assistent Segretarju
5. Kaxxier
6. Assistent Kaxxier

4.6.2 F’Kaz li jkun hemm Nomina wahda biss ghal kull kariga imsemija f’artiklu 4.6.1 jigu eletti fil-kariga awtomatikament.

4.6.3 F'Kaz li jkun hemm iktar min Nomina wahda ghal kull kariga imsemija f'artiklu 4.6.1, trid issir elezzjoni biex wiehed min nominati jiehu il-kariga.

a) Biex il-Kandidat jigi elett fil-kariga jrid ikun ilu membru sena sal-AGM

b) Igib 50% +1 tal-voti tal-membri kollha tal-ASMK

4.7 Il-Kumitat Eżekuttiv ikollu d-dritt li jwaqqaf dawk is-Sottokumissjonijiet li jidhirlu li jkun hemm bżonn għall-aħjar tmexxija ta' l-Assoċjazzjoni.

4.8 L-Uffiċċjali ta' l-ASMK għandhom jidhru in rappreżentanza ta' l-istess Assoċjazzjoni f'kull każ kif titlob il-ligi Maltija

4.9 Il-Kumitat Eżekuttiv huwa l-organu responsabbli għad-dixxiplina fi ħdan l-ASMK. Jekk ikun il-każ, il-Kumitat Eżekuttiv jista' jinnomina Board tad-dixxiplina biex jisma' u jiddeċiedi fuq kaz partikolari jew fuq il-kazi kollha. Dan ma' jnehhix id-dritt lill-Kumitat Ezekuttiv li jiddeciedi hu kull kaz.

4.10 Il-Kumitat Eżekuttiv jista' jsejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja meta jħoss il-bżonn jew meta mitlub jagħmel dan, bil-miktub, minn mhux anqas minn żewġ terzi tal-membri li jridu jispeċifikaw ir-raġuni għal-Laqgħa Ġenerali Straordinarja.

4.11 Il-Kumitat Eżekuttiv irid jiltaqa' ta' l-anqas darba fix-xahar biex jiżgura tmexxija effiċjenti ta' l-ASMK. Il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv li jonqsu li jattendu għal tliet laqgħat fuq xulxin mingħajr raġuni valida, jitqiesu li ma għadhomx iżjed membri tal-Kumitat Eżekuttiv. Il-postijiet vakati minn dawn il-membri jimtlew:

4.11.1 L-ewwel mir-runner-up fl-elezzjoni jekk ikun hemm.

4.11.2 Minn membru li jiġi co-opted mill-Kumitat Eżekuttiv jekk jinħass il-bżonn meta il-membru ma jkunx ġie kontestat f'elezzjoni.

4.12 F'każ ta' riżenja ta' wieħed mill-Uffiċjali ta' l-ASMK il-Viċi jew Assistant tiegħu jieħu postu. Jekk jinħass il-bżonn, il-Kumitat Eżekuttiv jista' jsejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja biex jimtela l-post vakant.

4.12.1 Il-hatra tal-Assistent jew Vici li jiehu post l-Ufficjal li rrizenja tkun tghodd sa l-ewwel AGM jew EGM li jsir.

4.13 Il-Kumitat Eżekuttiv jista' jieħu kull deċiżjoni li tkun tinħtieġ tittieħed fuq kwalunkwe kwistjoni in konnessjoni mat-tmexxija amministrattiva

jew sportiva ta' l-ASMK anke jekk tali ċirkostanzi ma humiex stipulati f'dan l-istatut.

4.14 Vot ta' sfiducja:- Jista jintalab vot ta' sfiducja /talba ghal sospensjoni (bil-miktub) kontra xi Ufficjal, l-Ufficjali kollha tal-ASMK, membru/membri tal-Ezekuttiv, membru/membri tal-Kumitat ta' xi sezzjoni, membru sewwieq u/jew membri komuni tal-ASMK. Jinkitbu dettalji/ragunijiet ghat talba tal-vot ta' sfiducja

4.15 F'kaz ta sfiducja kontra persuna fil-….

Kumitat Ezekuttiv u/jew tas-sezzjoni, il-kumitat Ezekuttiv irid jagixxi u jiddeciedi f'kull kaz fi zmien hmistax (15) il-gurnata mid-data li jittiehed 'il-vot ta' sfiducja'
F'kaz ta' 'vot ta' sfiducja' kontra l-Kumitat Ezekuttiv shih jew kontra iktar minn 40% ta' dan il-kumitat Ezekuttiv, il-kaz jitressaq ghad-decizjoni quddiem il-Malta Olympic Committee (MOC)

4.16 Il-Vot ta Sfiducja. Jekk kontra:-

a) il-Kumitat Ezekuttiv, kontra xi Ufficjal, l-Ufficjali kollha tal-ASMK, membru/membri tal-Ezekuttiv, irid ikun iffirmat minn mhux inqas minn 50% + 1 tal-membri tal-ASMK

b) Il-Vot ta Sfiducja jekk kontra membru/membri tal-Kumitat ta' xi sezzjoni, membru sewwieq u/jew membri komuni tal-ASMK, irid ikun iffirmat minn mhux inqas minn 50% +1 tal-membri ta' dik is-Sezzjoni partikolari

c) Fil-lista tal-firem irid jidher car l-isem u l-kunjom u l-Identity Card number ta' dak li jiffirma flimkien mad-dettalji tar-raguni tal-Vot ta' sfiducja.

4.17 Nomini ghal xi Kariga ta' Ufficijal (kemm tas-sezzjoni jew Ezekuttiv).

Il-Kumitat Ezekuttiv ghandu dritt ma jacettax nomina qabel AGM/EGM ghal xi kariga ta Ufficijal u / jew tal-Kumitat tas-sezzjoni jekk kemm il-darba dan in-nominat ma jkollux il-kwalifiki kif gej :-

- Membru li jkun innominat irid ikollu kondotta nadifa mal-ASMK.
- Ma jkunx fuq Probation jew Sospensjoni.
- Dan irid ikun ilu sena membru mal-ASMK.

4.18 Kull decizzjoni li tittiehed f'Kumitat Ezekuttiv trid tittiehed b'wahda min dawn it-tliet modi:-

- Vot Sigrit
- Vot Sinjal
- Vot bil-Kelma

4.19 It-Tlett (3) Ufficjali tal-ASMK waqt Kumitat Ezekuttiv ghandhom id-dritt li juzaw Casting Vot, wiehed kull wiehed, f'kull kaz jekk ikun hemm il-htiega.

4.20 Il-Membri tal-Kumitat Ezekuttiv jistghu jresqu mozzjonijiet u/jew Regolamenti. Dan irid isir fl-ahhar ta' kull laqgha ta l-istess Kumitat.

4.21 Kif membru tal-Kumitat Ezekuttiv ghandu ir-ressaq Mozzjoni jew Regolament ghal l-approvazzjoni.

(a) Jekk il-mozzjoni jew Regolament ma jkunx miktuba dan irid issir draft dak il-hin mis-Segretarju Generali u bi qbil mal-Kumitat Ezekuttiv
(b) Is-Segretarju Generali iressaq il-mozzjoni jew regolament ghal vot biex jigi deciz meta ser tkun qed jitpogga ghad-diskussjoni u votazzjoni.
(c) Jekk ikun hemm qbil unanimu tigi diskussa il-mozzjoni jew regolament hekk kif gew imressaq dakinhar stess.
(d) Jekk ma jkunx hemm qbil unanimu is-Segretarju Generali jrid jiehu hsieb li l-mozzjoni jew regolament li jkunu gew pprezentati jkunu imnizzla fl-Agenda li jkun imiss.
(e) Il-Kumitat Ezekuttiv waqt li jkun qed jiddiskuti il-mozzjoni jew regolament u ghal kull wahda min dawn ghandu jittiehed vot skond kif jidirlu il-Kumitat dak il-il-hin.
(f) Il-Mozzjoni jew Regolament li jkun imressaq trid tkun bir-rizultat tal-Votazzjoni miktub fuqha u jekk ikun il-kaz tista tintalab biex tkun iffirmata mill-Membri tal-Kumitat Prezenti.

4.21 Sewwieq li jkollu kariga fil-Kumitat Ezekuttiv u/jew fil-Kumitat tas-sezzjoni.

(a) Il-kargia tal-persuna ma tkunx attiva jekk il-persuna jkun qed jiehu sehem waqt attivita ufficjali bhala sewwieq f'tahrig jew f'tigrija. Ir-Responsablita tal-kargia tieghu taqgha taht l-Ufficjali tal-ASMK.

(b) Il-Persuna membru tal-Kumitat Ezekuttiv (Sewwieq) jista biss jigi msejjah wara approvazzjoni mill-Kumitat Ezekuttiv li jkun qed jiltaqa dakinhar biex jiehu sehem waqt diskussjoni u/jew decizzjoni.

(c) Jekk il-persuna bil-kargia tiehu/jiehu xi decizjoni waqt li jkun qed jiehu sehem f'attivta jew f'tahrig ufficjali minghajr il-permess tal-Kumitat Ezekuttiv, l-istess il-Kumitat Ezekuttiv izzomm id-dritt li jevalwa l-kaz u jistghu jittiehdu passi dixxiplinarji kontrih.

4.22 Vot fil-Kumitat Ezekuttiv

Vot mil-persuni kollha tal-Kumitat Ezekuttiv ikun validu jekk il-persuna tkun prezenti fil-lokalita tal-votazzjoni, ie, vot b'mezzi tat- Telephone, mobile, emails jew forom ohra ma jghoddux.

4.23 Il-Kumitat Ezekuttiv jinnomina 'Board tad-Dixxiplina' biex jisma' u jiddeciedi fuq kaz partikolari jew fuq il-kazi kollha. Dan il-Board tad-Dixxiplina jista jinhatar ghal perjodu ta' sena.

4.24 Jekk persuna fil-Kumitat Esekuttiv u fis-section tokkupa zewg karigi, dan ikollu vot wiehed biss kull meta jkun jehtieg jittihed vot.

4.25 Ir-Rapprezentanti ta kull sezzjoni mhumiex obbligati li jattendu kull Laqgha tal-Kumitat Ezekuttiv izda huma obbligati li jattendu meta jkun hemm decizzjoni jew decizzjonijiet li jappartjenu u/jew jikkoncernaw is-sezzjoni rispettiva li jirraprezentaw.

4.26 Is-Segretarju Generali huwa obbligat li jinforma lil rapprezentanti ta kull sezzjoni skond l-agenda tal-Kumitat Ezekuttiv

4.27 Dawk ir-rapprezentanti li jkunu avzati u ma jattendux il-laqgha tal-Kumitat Ezekuttiv, il-Kumitat ikollu d-dritt li jkompli bix-xoghol skond l-agenda ta' dik il-gurnata.

4.28 Quorum irid ikun mahdum fuq in-numru tal-membri tal-Kumitat Ezekuttiv li huma obbligati jattendu f'kull laqgha li tigi msejha. (Ara 4.28.1 below)

4.28.1 Quorum irid ikun mahdum fuq in-numru tal-Membri tal-Kumitat Ezekuttiv li huma obbligati jattendu f'dik il-laqgha li tigi msejha. Membri Skuzati u Membri li avzaw lis-Seg Gen. li ma jistghux jattendu jitnaqqsu min-numru ghall Quorum. Dan ma jnehhix id-dritt lill Kum Esek milli jkompli bl-agenda tal-gurnata (ara 4.27). (Ez. Hemm 13 il-persuna fil-Kumitat Ezekuttiv u li suppost jattendu. 3 minnhom avzaw li ma jistghux jattendu. Daqstant, il-Quorum jinhadem fuq 10 u mhux fuq 13.)

4.28.2 F'kas ta materja gravi li ghalija tkun issejhet il-Laqgha tal-Kum. Esek. u jkun hemm il-htiega urgenti li tittiehed decizjoni u azzjoni f'isem l-ghaqda, fil-kas li ma jkunx hemm quorum tal-Esekuttiv, it-tliet (3) Ufficjali tal-Ghaqda jridu jintaqghu, jiddiskutu u jiddeciedu fuq din il-materja fl-ahjar interessi tal-Ghaqda. (Ara 12.5 ta' dan li-Statut)

4.28.3 Id-decizjonijiet li jittiehdu fil-kas ta (4.28.1 u 4.28.2) xorta jrid ikollhom il-maggoranza ta' iktar minn 50% ta dawk prezenti biex jigu fis-sehh

4.29 Kull membru tal-Kumitat Ezekuttiv jigi infurmat b'sms mis-Segretarju Generali jew mill-persuna inkarigata.

4.29.1 Dawk il-membru tal-Kumitat Ezekuttiv li ma jistghux jattendu il-Laqgha msejha jridu javzaw b'SMS lis-Segretarju Generali jew lill-persuna inkarigata, mhux inqas minn siegha qabel il-hin avzat.

4.30 Membru prezenti fil-Kumitat Ezekuttiv li jikxef xi penalita qabel ma l-persuna involuta tkun ġiet infurmata Uffiċjalment mis-Segretarjat tal-Għaqda, dan jiġi sospiz għal numru meetings tal-Kumitat Ezekuttiv.

4.31 L-ebda membru fil-Kumitat Ezekuttiv tal-ASMK ma jista jkun membru f'Kumitat Ezekuttiv ta Klabb ieħor li jorganizza Motorsport u Motor Events.

4.32 Il-Kumitat Ezekuttiv jista jazel kif jintaqa matul il-mandat li jkollu u dan jista issir biex ma jkunx hemm ufficjali tal-Ezekuttiv li jidhlu f'decizzjonijiet li ma jikkoncernawx is-sezzjoni tieghu.

a) Il-Kumitat jista jintalab biex jitlaqa kollu, iggiefieri l-Ufficjali kollha flimkien mar-Rappprezentanti ta kull sezzjoni.

b) Il-Kumitat jista jintalab biex jintaqa individwalment mas-Sezzjonijiet u dan issir hekk flimkien mal-Ufficjali kollha tal-ASMK u il-Kumitat kollu ta dik is-sezzjoni partikolari, waqt il-laqgha jista jkun iktar min Kumitat tas-Sezzjoni wahda. Dan jigi deciz mis-Segretarju Generali skond l-Agenda tal-Kumitat.

c) Il-Mod kif jintaqa il-Kumitat Ezekuttiv irrid jintazel fl-ewwel laqgha li ssir kif jinghata il-mandat wara kull AGM u/jew EGM

d) Jekk il-Kumitat Ezekuttiv ikun qed jintaqa skond artiklu 4.32 (b) xorta wahda is-Segretarju Generali izzom id-dritt li sejjah laqgha tal-Kumitat Ezekuttiv shih skond artiklu 4.32 (a) meta ikun hemm bzonn jew tinhass il-htiega.

## 5. LAQGĦA ĠENERALI

5.1 Il-Laqgħa Ġenerali Annwali għandha ssir f'Awwissu ta' kull sena.

5.2 Il-Laqgħa Ġenerali Annwali hija l-għola awtorita' u għandha d-dritt li:

5.2.1 teleġġi l-Uffiċċjali ta' l-Assoċjazzjoni.

5.2.2 tbiddel, tnaqqas, iżżid u temenda dan l-istatu.

5.2.3 tapprova r-rendikont finanzjarju tas-sena ppreżentat mill-Kaxxier.

5.2.4 taħtar żewġ awdituri biex jirrevedu l-kontijiet ta’ l-Assoċjazzjoni.

5.3 L-avviż tal-Laqgħa Ġenerali Annwali għandu jintbagħat mhux inqas minn ġimgħa qabel id-data ta’ l-istess Laqgħa. L-avviż għandu jindika l-post, il-ħin u d-data tal-laqgħa flimkien ma’ l-Aġenda tal-laqgħa Generali Annwali (AGM) jew (EGM).

5.4 Emendi ghall li Statut tal-ASMK.
Dawn iridu jaslu ghannd is-Segretarju u/jew il-persuna nkarigata wkoll mill-ASMK fil-post u sal-hin avzat mill-ASMK fic-cirkulari (Newsletter)

i) Id-data u l-hin ghal gbir fil-Clubhouse Mtarfa

ii) Kull Emend ghall li-Statut trid tkun ipprezentata minn membru/membri u
Sekonadata minn Membru differenti tal-ASMK

iii) Kull membru (barra dak sospendut minn kull attivita) mal-ASMK ghandu d-dritt li:-

- Jipprezenta emendi ghall li Statut tal-ASMK
- Jinnomina u/jew jissekonda persuni ghal Ufficjali tal-ASMK u karigi fis-sezzjoniijiet rispettivi

5.5 Il-membri li jkunu approvati mħallsa mill-Kumitat Esekuttiv sa sitt (6) xhur qabel id- data tal- AGM u/jew EGM / Referendum biss jistgħu jivvutaw waqt dawn il-Laqgħat AGM, EGM u/jew Referendum.

5.6 Biex membru jkun jista’ jivvota, jinnomina u/jew jissekonda xi emenda ghall li Statut u/jew persuna ghal xi kariga waqt l-AGM jew EGM, irid ikun ilu mhux anqas minn (6) sitt xhur affiljat ma’ l-istess Assocjazzjoni.

5.7 Membri li jkunu sospiżi minn kull attivita’ ta’ l-ASMK ma għandhomx dritt jattendu u jivvutaw f’kwalunkwe tip ta’ Laqgħa Ġenerali.

5.8 Il-quorum tal-laqgħat ġenerali jkun 50% tal-membri mħallsa u wieħed. Jekk ma jkunx hemm quorum fil-ħin miftiehem għall-Laqgħa, din tibda bil-membri preżenti 30 minuta wara l-ħin stipulat.

5.9 L-ebda membru li jinnomina jew jissekonda xi persuna ma’ jista jinnomina jew jissekonda persuna oħra għall-istess kariga fl-istess sezzjoni.

5.10 L-emendi ta’ li Statut jinhtiegu vot favur minn zewg terzi tal-voti mixhuta mill-membri prezenti biex jghaddu ghall effett.

5.11 Membru li jkun reġistrat sewwieq u ma jattendix għal AGM mingħajr skuża valida, dan ikollu ihallas €5 (FIVE EURO) zejda f'kull registrazzjoni ghal kull attivita sportiva ta' l-ASMK, sa l-aħħar ta' l-istess sena.

5.12 Votazzjoni waqt AGM. Votazzjoni ghall kariga ta' Ufficjal ta' l-ASMK u / jew Membru fil-kumitat tas-section issir b'votazzjoni semplici. F'kaz ta' parita ghall xi kariga, issir elezzjoni gdida izda jivvotaw ukoll it-tliet (3) Ufficjali ta' l-ASMK mal-membri ta-dik is-sezzjoni. Ma' jistax jizdied in-numru ta' membri votanti fit-tieni elezzjoni, hlief mit-tliet (3) Ufficjali ta' l-ASMK.

5.13 L-Emendi kollha mressqa ghal ASMK, jinqraw f'laqgha li ssir apposta. Din il-laqgha issir mill-Kumitat Ezekuttiv ghal membri kollha, wara il-'Closing Date', tal-AGM izda qabel 3 ijiem mid-data tal-AGM

5.14 Voti Postali, elettronici, bit-telefon jew cellulari jew b'rapprezentant ma jistghux jinghaddu validi fl-ebda votazzjoni waqt kull AGM / EGM.7

5.15 F'kull EGM u/jew 'Laqgha Straordinarja Generali' jigu diskussi biss u decizi il-materji li ghalihom gie msejjah l-EGM kemm jekk imsejjah mill-Esekuttiv jew minn numru ta' membri kif miktub f'dan li Statut tal-ASMK.

5.16 Emenda/i mressqa li jmorru kontra l-principji u l-Ghanijiet tal-ASMK kif miktuba f'Sezzjoni 2 f'Para, 2.1 sa 2.8 bl-isem 'Ghanijet'ma ghandhomx jigu mressqa ghall vot tal-membri waqt AGM u/jew EGM.

5.17 L-Uffiċjali tal-ASMK jibqgħu jiġu eletti fl-AGM/EGM għal sentejn fis-sena bil-fart (Ez, 2019; 2021; 2023; 2025; 2027; 2029).

5.18 L-Uffiċjali fil-kumitati tas-sezzjonijiet kollha jiġu eletti għal sentejn bis-sekwenza tas-sena (Ez, 2020; 2022; 2024; 2026; 2028; 2030).

## 6. SEZZJONIJIET

6.1 Is-sezzjonijiet fi ħdan l-ASMK għandhom ikollhom President, Segretarju u Kaxxier eletti mill-membri tas-sezzjoni.

6.2 Minbarra Ufficċjali tas-sezzjoni, kull sezzjoni taħtar żewġ rappreżentanti biex ikunu membri tal-Kumitat Eżekuttiv ta' l-ASMK. Dawn ir-rappreżentanti jiġu wkoll magħżula waqt Laqgħa Ġenerali Annwali tas-sezzjoni minn fost il-membri tas-sezzjoni.

6.3 Is-sezzjonijiet fi ħdan l-ASMK huma awtorizzati jfasslu regolamenti għat-tmexxija tajba ta' l-attivitajiet sportivi organiżżati minnhom. Ir-regolamenti rispettivi jridu jiġu approvati mill-Kumitat Eżekuttiv

jitqiesu bħala parti ntegrali ta' dan l-istatut u l-membri tas-sezzjonijiet huma marbuta ma dawn ir-regolamenti.

6.4 Tibdil fir-regolamenti tas-sezzjonijiet jista' jiġi approvat waqt laqgħa tas-sezzjonijiet msejjħa għal dan il-għan. Tibdil hekk miftiehem irid jiġi approvat mill-Kumitat Eżekuttiv.

6.5 Is-sezzjonijiet fi hdan l-ASMK jistghu jahtru sa zewg membri fil-Kumitat tas-sezzjoni, biex jghinu fit-tmexxija tas-sezzjoni. Dawn iridu jigu approvati mill-Kumitat Esekuttiv.

6.6 Vot ta' sfiducja:- Jista jintalab vot ta' sfiducja /talba ghal sospensjoni (bil-miktub) kontra xi Ufficjal, l-Ufficjali kollha tal-ASMK, membru/membri tal-Ezekuttiv, membru/membri tal-Kumitat ta' xi sezzjoni, membru sewweiq u/jew membri komuni tal-ASMK. Jinkitbu dettalji/ragunijiet ghat talba tal-vot ta' sfiducja

6.7 F'kaz ta siducja kontra persuna fil-….

i) Kumitat Ezekuttiv u/jew tas-sezzjoni, il-kumitat Ezekuttiv irid jagixxi u jiddeciedi f'kull kaz fi zmien jmistax (15) il-gurnata mid-data li jittiehed 'il-vot ta' sfiducja'

ii) F'kaz ta' 'vot ta' sfiducja' kontra l-Kumitat Ezekuttiv shih jew kontra iktar minn 40% ta' dan il-kumitat Ezekuttiv, il-kaz jitressaq ghad-decizjoni quddiem il-Malta Olympic Committee (MOC)

6.8 Jekk xi membru johrog ghal elezzjoni ta xi sezzjoni u ma jigiex elett dan ma jkunx jista jigi co-opted mill-Kumitat Ezekuttiv jew jerga jitfa in-nomina ghal xi kargia ohra ghal matul dik is-sena sa l-AGM li jkun jmiss

6.9 L-Elezzjoni tar-Rapprezentanti tas-Sezzjonijiet tista ssir waqt il-Laqgha Generali Annwali ta' l-Assocjazzjoni, jew f'laghqa ohra organizzata ghal dan il-ghan. Dawn l-elezzjonijiet iridu jsiru fix-xaghar ta' Awwissu, **izda mhux aktar tard minn ghaxar (10) gurnata mid-data li jispicca l-AGM.**

6.10 Kumitat Ezekuttiv jista johloq sezzjonijiet godda skond kif jidherlu li hu ta' gdid l-Assocjazzjoni. Dan dejjem issir b'approvazzjoni ta l-istess Kumitat

6.11 Il-Kumitati tas-Sections huma obbligati li jintaqghu bejniethom darba kull xaghar, biex jiddiskutu u jissuggerixxu lill Kum. Ezek b'dak li jkun gie suggerit. Il-Kumitat Ezekuttiv izomm id-dritt li jiddeciedi, jemenda jew jirrifjuta kull parti jew xi parti jew dak kollu li jkun gie suggerit.

6.12 Uffiċjali tas-Sezzjonijiet jiġu eletti għal sentejn b'vot sigriet mill-membri kollha tas-Sezzjoni rispettiva, waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali

(AGM) wara li jkunu ġew nominati u sekondati minn żewġ membri tas-sezzjoni rispettiva.

6.13 Uffiċjal għal Kariga fis-sezzjonijiet jista jiġi in-nominat min zewġ Uffiċjali tal-ASMK.

## 7. PRO

7.1 Il-PRO tal-Assocjazzjoni jkun persuna mahtura mill-Kumitat Esekuttiv

a) Mal-Hattra tieghu il-PRO huwa obbligat li jattendi il-laqgha tal-Kumitat Ezekuttiv u jista ikollu vot biss jekk jigi approva unanimament fil-kariga, jekk ikun approvat maggoranza semplici ma jkollux vot izda jista jattendi il-Laqghat tal-Ezekuttiv bhala Observer.

b) Jista jiddelega persuna/i biex jghinuh fil-PR.

c) Josserva ir-regoli tad-Data Protection f'dak li jippublika.

d) Jiehu hsieb Fondi Ewropej jew Fondi ohra skond kif jigi deciz il-Kumitat Ezekuttiv.

## 8. Trophies

8.1 Trophies tar-rebbieha tal-Kampjonat ghandhom jibqaw fil-propjeta tal-ASMK u jinhargu biss f'dik il-gurnata li ssir il-Prezentazzjoni Annwali.

Waqt il-Prezentazzjoni dawn jintataw li rebbieha dakinhar biss ghal Prezentazzjoni u jergaw immorru lura f'posthom dakinhar stess.

Dan ma japplikax ghal dik it-trophy li r-rebbieh jinghatha flimkien ma t-tazza tac-Champion.

8.2 Biex Kompetitur jigi ddikjarat rebbieh 'Champion' jew 'Runner-up' f'xi kampjonat organizzat mill-Ghaqda, kemm biex jinghata l-punti tal-attivita tal-gurnata, it-trophy ta' 'Champion' jew 'Runner-up', kif ukoll biex jigi rikonoxxut bit-titlu bhala r-Rebbieh jew Runner-Up tal-kampjonat koncernat jrid ikun membru mhallas ghal dik is-sena tal-kampjonat .

8.2.1 Dawk il-kompetituri li jkunu 'Membri Affiljati' mal-ASMK biss jistghu jiehdu l-punti respettivi ghal kampjonat li jkunu qed jikkompetu fijhom.

8.2.2 Day Members ma jiehdu l-ebda punti fil-Klassifika tal-Kampjonat izda jigu ppremjati biss bit-trophy tal-gurnata skont il-klassifika tal-gurnata biss.

8.2.3 Jekk kompetitur 'Day Member' jiddeciedi li matul l-istagun isir 'Membru Affiljat' tal-ASMK, dan jibda jiehu l-punti tal-Kampjonat mid-data ta l-applikazzjoni tieghu kif gej :-

(a) L-'Applikazzjoni ghal Affiljazzjoni' trid issir fuq il-formola partikolari kif mitlub fli-Statut tal-ASMK.

(b) Jekk Kompetitur jimla l-formola 'Applikazzjoni/Affiljazzjoni' kif mitlub fli-Statut tal-Ghaqda, waqt ir-Registration tal-attivita tal-gurnata, dan jiehu l-punti fil-kampjonat minn din il-gurnata kemm il-darba l-Applikazzjoni tas-Shubija tieghu tigi approvata.

(c) Jekk id-data bejn l-Applikazzjoni u d-data tal-Affiljazzjoni tkun itwal minn xahar il-punti jibdew jinghataw mid-data tal-Affiljazzjoni. Dan jkunx applikabli jekk ikun xoghol b'lura min naha tal-Kumitat Ezekuttiv. F'dan il-kas l-kompetitur jibda jiehu l-punti tal-kampjonat mill-ewwel attivita li jmiss wara li tkun saret l-Applikazzjoni.

## 9. Membri Onorarji

9.1 Fuq proposta jew suggeriment bil-miktub lill Kumitat Ezekuttiv, l-istess Kumitat jista' jahtar Membru Onorarju lill dik il-persuna li:-

i) tkun okkupat kariga fil-Kumitat Ezekuttiv ta' l-ASMK,

ii) tkun okkupat kariga fil-Kumitat ta' xi sezzjoni ta' l-ASMK,

iii) tkun tat servizz utli lill-ASMK.

Il-hatra ta' onorarju tkun marbuta ma xi kariga fi hdan l-ASMK, ez. President Onorarju, Segretarju Onorarju, ecc.
Membri Onorarji ma' jkollomx dritt tal-vot fl-AGM, Kumitat Ezekuttiv u ohrajn.

9.2 **Lista tal-Presidenti u Membri Onorarji**

Lista tal-Presidenti Onorarji

Onor. Noel Farrugia MP (2010)
Mr. Frans Deguara (2021)

Lista tal-Membri Onorarji

Dr. David Camilleri (2010)
Mr. Lawrence Darmanin (2010)
Mr. Francis Azzopardi (2015)
Mr. Emmanuel Pisani (2015)
Mr. Edgar Xuereb (2015)
Mr. Joe Falzon (2017)
Mr. Salvu Micallef (2017)
Mr. Mario Borg (2018)

Persuna li tkun saret President jew Membru Onorarju mill-Kumitat Ezekuttiv dan jibda jitqies mid-data tal-hatra bħala life member u ma jkollux għalfejn jimla l-applikazzjoni biex iġġeded il-Membership tiehu skond Artiklu 3.4

Biex President u/jew Membru Oronarju jizdiedu fil-Lista hemmx bzonn issir emenda fl-istatut imma issir notifika tal-ismijiet godda waqt kull l-AGM li ssir, in-notifika tkun bil-lista ta Membri jew Ex Membri li jkun gew approvati mill-Kumitat Ezekuttiv.

## 10. Dipartimenti tal-Gvern li jikkoncernaw il-club

10.1 Meta s-segretarju u l-president tal-club jew xi membru iehor tal-kumitat esekuttiv, ghal xi raguni jew ohra ma' jibqghux jokkupaw il-kariga taghhom, huma ma jibqghux responsabbli lejn id-dipartimenti tal-VAT, tat-Taxxi Interni u ohrajn dwar affarijiet u obbligazzjonijiet ohra li jikkoncernaw il-club wara li dawn jispiccaw mill-kariga taghhom.

10.2 Jekk xi wiehed minn dawn id-dipartimenti (tal-VAT u/jew tat-Taxxi Interni u ohrajn jipprocedu ghal kwalunkwe raguni ghal hlas ta' xi taxxa, penali, imghax jew multa jew kwalunkwe somma ohra dovuta mill-club kontra xi persuna li zmien li qabel tkun okkupat il-kariga ta' segretarju jew president jew membru tal-Kumitat Esekuttiv, din il-persuna tkun tista' tipprocedi kontra l-club ghar-rifuzjoni ta' kwalunkwe somma mhallsa minnha.

B'effet ta' AGM/EGM jew xort'ohra s-Segretarju tal-ASMKK irid jinfurma lid-dipartimenti koncernati kollha mal-ASMKK imsemmija

(f'10.1 u 10.2 u ohrajn) bil-bidla tal-Ufficjali li tkun saret fi zmien sebghat (7) ijiem mill-hatra tieghu.

(Skond il-ligi 2003 dwar l-att tal-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data jistaw jitiehdu pass kirminali jekk xi persuna tikser wahda min dawn il-ligijiet li jaqaw taht dan l-att)

## 11. Records

11.1 F'Kull Kumitat Ezekuttiv li ssir is-Segretarju Generali ghandu jiehu il-minuti tal-Laqgha, dawn l-istess minuti iridu jigu approvati mill-Kumitat Ezekuttiv laqgha li jkun imiss.

i) Wara li jkun approvati iridu jigi iffirmati mill-Membri tal-Kumitat Ezekuttiv Prezenti.

ii) Dawn jinzammu mis-Segretarju Generali u jigu ritoranti fil-Club meta ikun it-terminu tal-Kariga tieghu.

iii) Jekk xi Records ma jkunhux prezentati waqt xi talba mill-Kumitat Ezekuttiv u/jew wara it-terminu tas-Segretarju Generali jista jinzamm responsabli ghal kawlunke danni li tista sofri l-Assocjazzjoni.

iv) Ir-Records li jigu approvati mill-Kumitat Ezekuttiv huma records ufficjali tal-ASMK

11.2 Kull persuna li ghandu Records u li huma propjeta tal-Assocjazzjoni huwa responsabli sa kemm dawn l-istess records jergaw ikunu fil-premissis tal-ASMK.

i) Jekk ikun hemm terminu ta xi kariga u l-Assocjazzjoni permezz tal-Kumitat Ezekuttiv titlob dawn ir-records li persuna li tkun ghamlet it-terminu u dawn ma jigu'x ritornati, jista jinzamm responsabli ghal kull danni li l-ASMK tista is-sofri.

## 12. Generali

12.1 Klawsoli ta l-istatut meqlubin ghal lingwa Ingliza ghandhom jigu approvati mill-Kumitat Ezekuttiv b'approvazzjoni mill-persuna legali li tkun tirraprezenta il-Club.

Kull parti ta' dan li Statut meta maqluba ghall Lingwa Ingliza ghandhom jigu interpretati skont dik il-verzjoni Maltija. F'kas ta diffikulta fl-interpretazzjoni ta xi emenda/I bejn il-lingwi uzati il-verzjoni Maltija tirbah.

12.2 Il-Kumitat Ezekuttiv jista jiddecidi li johrog Tenders fuq l-affarijiet li jikoncernaw il-cluk kif ukoll is-sezzjonijiet Generali

Tender irid ikun ippublikat lil Membri u jekk ikun il-kaz anke fuq il-gazzetti lokali.

Il-Kumitat Ezekuttiv jista jiddecidi li tender jigi approvat mill-Membri EGM li ssir apposta

Irid ikun hemm zmien fis, sa kemm il-kumitat Ezekuttiv ikun jista jilqa talbiet li jkunu jikoncernaw it-tender

Wara li jinghalq iz-zmien il-Kumitat Ezekuttiv jivetja dawn it-tenders li jkun ircieva u jideciedi min ser ikun li jiehu it-Tender

Il-Kumitat Ezekuttiv izzom id-dritt li jirrifjuta kull talba ghal Tender inkluz anke jekk dik it-talba tkun wahda vantaggjuza

Wara li jkun maghzul irid jigi ippublikat.

12.3 Kull membru tal-ASMK li jigi mitlub li jirrapprezenta lil xi sezzjoni tal-Assocjazzjoni Sport Muturi f'xi ghaqda ohra, ghandu jkun mahtur permezz ta' votazzjoni mill-membri tal-ASMK jew tas-sezzjoni partikolari skond kif ikun il-kaz. Dan irid jinforma lil-Kumitat Ezekuttiv tal-ASMK b'dak li jkun gie diskuss u/jew deciz f'dawn il-laqghat. Din il-kariga jista japplika ghalija kull membru validu tal-ASMK.

12.4 Indirizz postali ta' L-Assocjazjoni huwa P.O. Box 72 CMR Marsa MTP 1001 dan l-indrizz jista jinbidel min zmien ghal zmien dejjem b'approvazzjoni tal-Kumitat Ezekuttiv.

12.5 L-Ufficjali tal-ASMK (President, Segretarju u Kaxxier tal-ASMK) iridu jiehdu kwalunwke decizjoni fl-ahjar interess tal-Assocjazzjoni in-generali u tal-Membri tahha. L-ebda decizzjoni ma tinbdel jekk mhux b'mozzjoni skond Artiklu 4.20.

12.6 Dan li Statut ghandu jigi rivedut ghall li zbalji fl-ortografija (Spelling Mistakes) minn persuna/I kwalifikati fis-suggett u kull emenda tigi mpoggija f'postha kif relata fis-suggetti partikolari.

12.7 L-Emblema l-Antika li intuzat mill-1985 – 2012

12.8 Kull min mhux membru mal-ASMK u jitlob licenzja FIM, FIM-Europe, FMI jew xi licenza ohra Internazzjonali / Nazzjonali:-

(a) Irid jimla il-formola/i partikolari bid-dettalji kollha kif mitluba,

(b) L-ASMK titlob lill applicant hlas nominali biex tkopri li spejjes ghall process u l-hrug tal-kull Licenzja,

(c) Dan il-hlas ma jaghtix id-dritt awtomatiku lill persuna applikant li ssir membru shih mal-ASMK,

(d) Jekk xi persuna li titlob xi Licenzja kif imsemmija ghawn fuq tixtieq issir membru mal-ASMK, din trid tapplika permezz tal-Formola 'Applikazzjoni/Affiljazzjoni' mal-ASMK,

(e) L-Esekuttiv tal-ASMK izomm id-dritt li jista jirrifjuta talba ghall hrug ta' Licenzja kif imsemmija hawn fuq minn xi applikant, team, club, assocjazzjoni jew xort'ohra.

## 13. REGOLAMENTI LI JIKKONCERNAW IT-TIGRIJIET

13.1 Refferes ghandhom jigu appuntati mill-Kumitat Ezekuttiv u l-istess Kumitat izzom id-dritt li jnaqass, izied jew inehi skond kif inhu mehtieg u ghal giet ta l-isport taghna. Dan japplika ghal-kull sezzjoni.

13.2 Il-Kumitat Ezekuttiv qabel kull bidu tal-Kampjonat irid ikun approva Race Director biex jiehu hsieb u jara it-tmexxija waqt l-attivitajiet tal-ASMK ikun sejrin skond kif inhu approvat mill-istess Kumitat.

Il-Kumitat Ezekuttiv xorta wahda izzom id-dritt li jiddecidi ghal kull decizzjoni li jkun hemm bzonn.

## 14. REFERENDUM

14.1 Referendum jista jintalab min Ufficjal tal-Kumitat u/jew min Membru tal-ASMK permezz tal-Ezekuttiv. Biex membru jitlob Referendum irid ikun ilu Membru mal-ASMK mhux inqas min 6 sitt xhur. It-talba ghal dan trid tkun bil-miktub, spjegata ir-raguni ghar-Referendum u trid tkun sekondata min ghaxar (10) membri tal-ASMK li wkoll irid ikun ilhom membri mhux inqas minn 6 xhur.

## 15. PROGETTI

15.1 Progetti li jinvolvu tibdil fil-Premises tal-ASMKK u li jaqbzu il-valur ta €3000 (elef Ewro) ghandhu jkun apprvat fl-AGM jew f'Egm li jsir apposta.

15.2 Dan irid ikun approvat mhux inqas min 50% tal-voti tal-membri prezenti fl-AGM / EGM

## 16. SISTEMA TAL-VOTAZZJONI GHALL WAQT L-AGM JEW EGM

16.1 Wara li l-Kumitat Ezekuttiv japprova gurnata li fija ssir il-Laqgha Generali Annwali u/jew Laqgħa Ġenerali Straordinarja li tkun imsejha apposta, l-istess Kumitat Ezekuttiv irid jipprepara biex il-process tal-votazzjoni isir kif gej:-

16.2 Il-Kumitat Ezekuttiv fi' zmien 5 tijiem min meta jaghlqu n-nomini irid jifforma Kummisjoni biex tmexxi l-process tal-votazzjoni. Din trid tkun approvata mill-istess Kumitat Esekuttiv.

16.3 Din il-kummissjoni trid tkun tikkonsisti mhux inqas minn tliet (3) persuni u mhux iktar min hames (5) persuni kif gej:-

16.3.1 Il-Kummisjoni ffurmata min tliet (3) persuni jista jkollha zewg membri tal-ASMK u persuna Indipendenti,

16.3.2 Il-Kummisjoni iffurmata min hames (5) persuni jista jkollha tliet (3) membri tal-ASMK u zewg (2) persuni Indipendenti,

16.3.3 Kull Kummissjoni tista tkun iffurmata kollha min membri Indipendenti,

16.3.4 Membri/Persuni Onorarji tal-ASMK jistghu jkunu parti mill-Kummissjoni bhala 'membri tal-ASMK'.

16.4 L-ebda Kumissjoni ghal kwalunkwe votazzjoni ma tistax tkun iffurmata min persuna wahda (1), zewg (2) persuni jew erba (4) persuni, izda kull Kummissjoni trid tkun iffurmata minn tlieta (3) jew hames (5) persuni.

16.5 Il-Kumitat Ezekuttiv irid jiddecidi d-data, il-post u l-hinijiet meta ghandha ssir il-votazzjoni, liema data dejjem trid tkun wara l-Laqgha Generali Annwali (AGM) u/jew il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja (EGM). Il-Votazzjoni tista tkun maqsuma f'postijiet differenti, il-hin tal-votazzjoni ma jkunx iktar min dak stabbilit f'artiklu 16.6 ghall granet kollha tal-votazzjoni.

16.6 Il-Hin tal-Votazzjoni jista jkun twil bejn zewg (2) sieghat sa sitt (6) sieghat. Dan il-hin jigi deciz mill-Kumitat Ezekuttiv kif ukoll min x'hin tibda sa x'hin tispicca l-votazzjoni. Din id-decizzjoni trid tittiehed qabel jinghata l-mandat lill Kumissjoni.

16.7 Din is-sistema trid tintuza fi kwalunkwe votazzjoni li jkollha l-ASMK kif inhu spjegat hawn taht:-

- Votazzjonital-Ufficjali

- Votazzjonighalkumitattas-Sezzjonijiet u ohrajn
- Votazzjonighal l-Approvazzjonital-Emendi
- Votazzjonighal Referendum
- VotazzjonifuqProgetti

16.8 Ir-Responsabilita tal-Kummisjoni tibda wara li tigi mhabbra l-gurnata tal-votazzjoni u tinghata l-mandat bil-miktub mill-Kumitat Ezekuttiv.

16.9 Il-kummissjoni tkun responsabbli min x'hin taccetta li tmexxi l-process sa x'hin tipprezenta r-Rizultat Finali Ufficjali.

16.10 Il-Kummisjoni tista taghti kwalunkwe parir lill Kumitat Ezekuttiv f'dak li ghandu x'jaqsam mal-process tal-Votazzjoni.

16.20 L-Ebda dettal tal-process jew xort'ohra ma jista jinbidel wara li jkun inghata l-mandat lill-Kummisjoni. F'kaz li jinstab li hemm xi haga hazina jew mhix konformi mal-iStatut minn dak kollu li gie deciz mill-Kumitat Ezekuttiv, dan irid ikun irrapurtat lit-tliet (3) Ufficjali tal-ASMK.

(a) Jekk l-Ufficjali tal-ASMK jaraw li ghadhom fil-hin li jerga jitlaqa l-Kumitat Ezekuttiv dan jista jerga jirrevedi u jiddeciedi fuq dak li gie rrapurtat.

(b) F'Kaz li l-Kumitat Esekuttiv ikun xolt l-Ufficjali tal-ASMK jiehdu decizzjoni huma bil-parir tal-Avukat tal-Ghaqda. L-Ufficjali jistghu jitolbu parir ukoll minghand il-Kunsill Malti ghal l-Isport (KMS) u/jew il-Kumitat Olimpku Malti (MOC).

16.21 F'kaz ta' rezenja min xi 'Membru tal-Kummisjoni', irid jinstab sostitut tieghu bl-approvazzjoni tal-Kumitat Ezekuttiv jekk il-Kum. Esek. Ikun ghadu mhux xolt.

(a) F'kaz li l-Kumitat Ezekuttiv ikun diga xolt, l-Ufficjali tal-ASMK iridu jiddeciedu (min sa jkun is-sostitut), liema decizzjoni trid tkun unanima bejn it-tliet (3) Ufficjali.

16.22 Is-Segretarju Generali tal-ASMK irid jaghti l-materjal u l-ghodda kollha mehtiega li l-istess Kummisjoni tista tigi bzonn. (It-Tliet Ufficjali tal-ASMK) jistghu jkunu prezenti f'kull hin waqt il-process tal-votazzjoni u l-process/i biex johrog ir-rizultat. F'kull hin, il-Kummissjoni trid tagixxi fuq it-termini u l-kundizzjonijiet mahruga mill-Kum. Esek.

16.23 Is-Segretarju Generali tal-ASMK jrid jirraporta lill-Ufficjali tal-ASMK u lil Persuna legali tal-Ghaqda kwalunkwe nuqqasijiet fit-tmexxija tal-Kummisjoni.

(a) Jekk jinstab li saru xi frodi jew abbuzi waqt il-process u mill-Ufficjali nkarigati jmexxu il-votazzjoni, dan jista' jwassal li l-votazzjoni tigi ddikjarata Nulla u ssir votazzjoni mill-gdid.

16.24 Il-Membri eligibbli ghall vot jigu nfurmati b'Newsletter kif ukoll jintbghat SMS dwar il-post, data u l-hin tal-votazzjoni. Mhux kull min jircievi l-avviz ikun intitolat ghall vot.

16.25 L-Ebda membru jew nominat ma jista jkollu lista u/jew b'xi dettalji tal-membri eligibli ghal vot jekk mhux bl-approvzzjoni tal-Kumitat Ezekuttiv liema decizzjoni trid tkun unanima.

16.26 Kull Membru li jattendi fil-hin biex jivvota irid igib mieghu l-'karta tal-Identita'jew il-'Membership Card' valida tal-ASMK. L-ebda membru ma jista jivvota jekk ma'jkollux wiehed min dawn id-dokumenti.

16.27 Il-Voti kollha mqassma jridu jkunu ttimbrati b'timbru apposta kif ukoll iffirmati fuq wara min zewg membri tal-kummissjoni jew iktar. Voti bla timbru ma jitqiesux validi.

16.28 Hekk kif jiskadi l-hin tal-votazzjoni l-Kummisjoni trid tibda l-process tal-ghadd tal-voti fi zmien'nofs siegha'.

16.29 Il-Membri jistghu jsegwu l-ghadd tal-voti min post/postijiet li jsiru apposta mill-istess Kummisjoni. F'kaz ta' mgieba hazina min xi membru/i li jkun/u qed isegwi/u l-process tal-ghadd tal-voti, il-kummisjoni tista tordna lil membru johrog barra mill-kamra.

(a) Jekk Membru b'imgieba hazina jibqa ma jobdix l-istruzzjonijiet tal-Kummisjoni, tista tintalab l-ghajnuna tal-Pulijza u/jew jigi sospiz l-ghadd tal-voti ghal gurnata ohra.

(b) L-Ghadd tal-Voti jista jigi sospiz biss b'kunsens bejn il-Kummisjoni u l-Ufficjali tal-ASMK jew skont Artiklu 16.29 (a) hawn fuq.

(c) Imgieba hazina min Membru/i jew persuni ohra f'kull hin li Kummisjoni tkun fuq xogholha ghandu jigi rrapurtat mill-Kummisjoni lill-Ufficjali tal-ASMK biex jittiehdu l-passi mehtiega.

16.30 Ir-Rizultati tal-Votazzjonijiet li jkunu saru jridu jsiru bil-miktub u jinghataw lis-Segretarju Generali. Hadd mill-Membri tal-Kummisjoni ma jista jippublika ir-rizultat qabel ma l-ewwel tohrog stqarrija publika mill-Ghaqda.

16.31 Il-Hin tal-votazzjoni u il-process tal-ghadd tal-voti iridu jkunu iffilmjati u rekordjati b'apparatapposta. Dan il-filming u recording jibqa fil-kustodja tas-Segretarju Generali u jigi trasferit lis-Segretarju Generali l-gdid jekk ikun il-kas.

16.32 Il-Voti kollha li ntuzaw irridu jinzammu mar-rekords tal-Assocjazzjoni, il-voti kollha li ma ntuzawx iridu jigu imqatta min magna apposta.

16.33 Id-dokumenti kollha (tajbin, hziena, invalidi, mibdula, listi tal-membri jew dokumenti ohra ta' kullxorta) jridu jigu ritornati lis-Segretarju Generali (il-gdid jekk ikun il-kas).

16.34 L-uzu tal-Mobile phone biex wiehed jivvota huwa ipprojbit.

16.35 Kwalinkwe materjal li jintuza biex titmexxa l-votazzjoni mill-Kummissjoni Elettorali ma jistax jintuza mill-membri jew xi membru tal-Kummissjoni, la favur u lanqas kontra xi persuna li tivvota, jew tkun nominate jew kontra persuna li titlo bl-ghajnuna biex tivvota. Lanqas ma jista' jigi zvelat dak li jkun sar jew intqal waqt votazzjoni sigrieta.

16.36 L-Ebda membru hlief il-Kummissjoni ma tista taghti ghajnuna lill xi persuna li ma tafx taqra u tikteb biex jivvota.

16.37 Votant li ma jafx jaqra u jikteb. Wiehed mill-membri tal-Kumissjoni fil-prezenza tal-membri l-ohra tal-Kumissjoni biss, jaqra l-kontenut tal-Emenda jew l-ismijiet tal-Kandidati u l-votant jimmarka b'salib wahda mil-kaxxi fuq il-karta tal-vot skont il-preferenza tieghu.

16.38 Kull votant li jaf jaqra u jikteb irid jivvota wahdu biss u hadd ma jithalla jimla l-vot ta had hlief il-votant innifsu. Jekk il-votant jiddikjara li ma jafx jaqra u jikteb, ara Para 16.37.

16.39 Kummissarju li jikser xi wahda jew iktar minn dawk id-direttivi moghtija mill-ASMK, dan

- Jista jitwarrab minnhu-fih,
- Jinzamm responsabbli ta' ghemilhu u
- Jistghu jittiehdu kull passi (anka dawk legali) kontra tieghu.
- Jistghu jittiehdu passi ulterjuri mill-ASMK kontra xi wiehed jew kull persuna tal-Kumisssjoni Elettorali.

16.40 Hadd ma jista jivvota f'isem persuna ohra lanqas jekk dik il-persuna tkun prezenti fil-post tal-votazzjoni.

## 17. Protezzjoni tad-data

17.1 Kull membru fl-Assocjazzjoni jaccatta u jaghti d-dritt li l-Assocjazzjoni tigbor, izzomm, tuza u taghti informazzjoni tal-membri, filmati, ritratti u materjal iehor kemm verbali u/jew stampat, ghal fini

ta sigurta, reklamar tal-assocjazzjoni u tal-attivitajiet organizzati minnha u/jew flimkien ma l-iSponsors tahha, ukoll meta mitluba mil-awtorita tal-gustizzja, qrati, pulizija, sptar, mediku, mil-Awtoritajiet Sportivi ta Malta (SportMalta u Maltese Olympic Committee) mil-Federazzjoni Maltija, dik Ewropea u/jew Internazzjonali.

17.2 L-ASMK ghandha kull dritt li zzomm, tippubblika fil-mezzi kollha b'kull mod tax-xandir, ritratti, filmati, videos u hwejjeg ohra li jkunu ttiehdu waqt xi jew kull attivita tal-ASMK.

17.3 Dan id-dritt huwa estiz ukoll biex l-ASMK izzomm kopja/kopji/materjal stampat jew ta' xort'ohra ghal records tal-ghadqa u tal-membri, ghal-arkivji tal-Ghaqda u wkoll biex tkun tista' tirreklama lilha nfisha u l-attivitajiet tahha.